KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Jannar 2008

li għandha x'taqsam ma' abbozz ta' Regolament mir-Repubblika Ellenika dwar it-tikkettar ta' prodotti moħmija minn għaġina ffriżata

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 6750)

(It-test Grieg biss huwa awtentiku)

(2008/35/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 19 u 20 tagħha,

Billi:

(1) Skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2000/13/KE, l-awtoritajiet Griegi nnotifikaw lill-Kummissjoni fil-15 ta' Mejju 2007 abbozz ta' Regolament dwar dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mat-tikkettar obbligatorju ta' prodotti moħmija minn għaġina ffriżata.

(2) Skond l-abbozz innotifikat, il-prodotti moħmija minn għaġina ffriżata għandhom ikollhom it-tikketta bid-data tal-produzzjoni u l-oriġini ta' l-għaġina ffriżata.

(3) Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2000/13/KE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri permezz tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) Id-Direttiva 2000/13/KE fiha dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar ta' l-oriġini tal-prodotti ta' l-ikel (Artikolu 3 (1) n 7 u n 8) u t-tipi ta' indikazzjonijiet ta' dati għall-prodotti ta' l-ikel (Artikolu 9 (5)). Skond dawn ir-regoli, id-dettalji dwar il-post ta' l-oriġini jew tal-provenjenza ta' prodott ta' l-ikel għandhom ikunu obbligatorji biss fuq it-tikketta tal-prodott, billi n-nuqqas ta' dan id-dettall jista' jqarraq lill-konsumatur sa ċertu grad materjali rigward l-oriġini awtentika tal-provenjenza tal-prodott ta' l-ikel (Artikolu 3 (1) n 8).

(5) Tikketta obbligatorja tal-pajjiż ta' l-oriġini ta' l-għaġina ffriżata tkun piż żejjed għal dawk l-operaturi fin-negozju ta' l-ikel li jipproduċu l-ħobż bl-għaġina ta' Stat Membru ieħor ta' l-UE u għalhekk tikkostitwixxi ostakolu potenzjali għall-moviment ħieles tal-prodotti u tagħmlel ħsara lit-tħaddim bla tfixkil tas-suq uniku. Il-każijiet fejn dispożizzjonijiet nazzjonali mhux armonizzati li jirregolaw it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-ikel jew prodotti ta' l-ikel in ġenerali jistgħu jkunu aċċettabbli huma mniżżla b'mod komplet fl-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2000/13/KE. Barra l-każijiet relatati mal-ħarsien tas-saħħa pubblika, miżuri bħal dawn jistgħu jkunu ammissibbli biss fejn iġġustifikat għall-prevenzjoni ta' frodi jew għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali u kummerċjali, indikazzjonijiet ta' provenjenza, deskrizzjoni ta' l-oriġini rreġistrata u għall-ħarsien kontra kompetizzjoni qarrieqa.

(6) Ir-raġunijiet għan-notifika Griega jirreferu għal raġunijiet ta' iġjene u għalhekk għall-ħarsien tas-saħħa pubblika. In-notifika Griega ma tqisx li hemm bażi stabbilita ta' regoli komuni dwar l-iġjene ta' l-ikel, speċjalment ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene fl-ikel [2]. In-notifika Griega ma tagħtix prova li l-miżuri nnotifikati huma meħtieġa biex jintlaħaq livell ogħla ta' ħarsien għas-saħħa pubblika.

[1] ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/68/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 310, 28.11.2007).

[2] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

(7) Skond l-Artikolu 9 (5) tad-Direttiva 2000/13/KE, mhijiex se tkun meħtieġa indikazzjoni tad-data ta' skadenza għall-furnara jew għall-prodotti tad-dolċiera magħmula mill-għaġina, skond id-dispożizzjonijiet tal-Komunità li jimponu tipi oħrajn ta' indikazzjoni ta' data. Il-liġi Komunitarja ma tipprovdi l-ebda liġi dwar xi tip ieħor ta' indikazzjoni ta' data għajr għall-eżenzjoni ta' prodotti tal-furnara għall-indikazzjoni tad-data ta' skadenza.

(8) Tikketta obbligatorja tad-data ta' produzzjoni ta' l-għaġina ffriżata jkollha x'taqsam b'mod partikolari ma' prodotti minn Stati Membri oħrajn li jistgħu jitpoġġew fis-suq biss wara li jkunu għaddew minn proċedura ta' preservazzjoni bħall-iffriżar. Din l-obbligazzjoni għalhekk toħloq ostakolu potenzjali għall-moviment ħieles ta' prodotti u tagħmel ħsara għat-tħaddim bla tfixkil tas-suq uniku.

(9) Skond il-ġurisprudenza l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jridu japprovaw, li l-abbozz tal-miżuri huma fuq naħa waħda meħtieġa biex jintlaħaq l-għan li qed jimmiraw għalih u li l-abbozz tal-miżuri huma konformi, min-naħa l-oħra, mal-prinċipju tal-proporzjonalità (irreferi għad-deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 1983, *Van Bennekom*, Każ 227/82, ECR 1983, p. 03883, paragrafu 40; deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 1997, *Morellato*, Każ C-358/95, ECR 1997, p. I-01431, paragrafu 14, u d-deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2003, *ATRAL*, Każ C-14/02, ECR 2003, p. I-4431, paragrafu 67).

(10) Il-miżuri nnotifikati applikati unilateralment u mingħajr diskriminazzjoni mir-Repubblika Ellenika x'aktarx se jkunu ta' tfixkil fil-kummerċ intra-Komunitarju sa ċertu limitu disproporzjonat. Dan ikun qed jobbliga lill-produtturi jew lill-operaturi li jipproċessaw l-għaġina minn Stati Membri oħrajn biex jipprovdu tikkettar speċifiku.

(11) Il-Kummissjoni għandha tissokta bid-diskussjonijiet tagħha ma' l-Istati Membri dwar it-tikkettar oriġinali tal-prodotti ta' l-ikel.

(12) Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni ressqet opinjoni negattiva skond l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2000/13/KE.

(13) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika Ellenika hija mitluba li żżomm lura milli tadotta l-abbozz ta' Digriet dwar it-tikkettar ta' prodotti moħmija minn għaġina ffriżata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Jannar 2008.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni